# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

## IMĦALLEF

## ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.

**ILLUM il-Ħamis, 12 ta' Marzu, 2020**

**Kawża Nru. 28**

**Rik. Nru. 901/13JRM**

**BRIAN JOSEPH MANGION**

vs

**KUMMISSARJU TAL-PULIZIJA** u Avukat Ġenerali, illum magħruf bħala l-Avukat tal-Istat[1]

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors maħluf imressaq fis-19 ta' Settembru, 2013, li bih u għar-raġunijiet hemm imsemmija, l-attur talab li din il-Qorti (1) ssib li l-konfiska min-naħa tal-imħarrek Kummissarju tal-Pulizija tal-mezzanin tiegħu bl-isem ta' "*Val Parisio*", fi Triq il-Ħabbież, f'Ħal Qormi u tal-flejjes fl-ammont ta' ħamest elef euro (€ 5,000) jew somma verjuri oħra mhumiex il-frott ta' qligħ jew dħul mill-għemil ta' xi reat taħt il-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta'

[1] Bis-saħħa tad-dispożizzjonijiet tal-Att tal-2019 dwar l-Avukat tal-Istat (Kap 603) (ara A.L. 329/19)

Malta; (2) tħassar l-ordni ta' konfiska tal-imsemmija flejjes u ġid immobbli mogħtija mill-Qorti Kriminali fis-sentenza tagħha tal-25 ta' Ġunju, 2013 fl-ismijiet *Ir-Repubblika ta' Malta vs. Brian Joseph Mangion*[2]; u (3) tawtorizżah jirreġistra u jew jannota l-imsemmija revoka fir-Reġistru Pubbliku. Talab ukoll l-ispejjeż;

Rat id-degriet tagħha tat-3 ta' Ottubru, 2013[3], li bih ordnat in-notifika lill-imħarrkin u tat direttivi lill-attur dwar it-tressiq tal-provi min-naħa tiegħu;

Rat it-Tweġiba Maħlufa mressqa fl-24 ta' Ottubru, 2013, mill-Kummissarju mħarrek li biha laqa' għall-azzjoni attriċi fil-mertu billi qal li t-talbiet attriċi ma humiex mistħoqqa u li, f'kull każ, huwa ma jaħti xejn għal dak li jilminta minnu l-attur. Jisħaq li l-attur għandu jġib prova konkreta dwar il-provenjenza tal-oġġetti li tagħhom qed jitlob rilaxx;

Rat il-verbal tas-smigħ tat-12 ta' Novembru, 2013[4], li bih l-imħarrek Avukat Ġenerali jagħmel tiegħu wkoll l-eċċezzjonijiet imressqa mill-Kummissarju mħarrek;

Rat id-degriet tagħha tat-12 ta' Novembru, 2013, li bih ħatret lill-Avukat Maria Dolores Gauċi bħala Assistent Ġudizzjarju sabiex tisma' l-provi tal-partijiet;

Rat ix-xhieda w id-dokumenti mressqa quddiemha;

Rat id-degriet tagħha tal-10 ta' Ġunju, 2015[5], li bih il-Qorti ordnat li ssir trattazzjoni ta' għeluq;

Rat il-verbal tas-smigħ tat-30 ta' Ġunju, 2015[6], li bih intlaħaq qbil bejn il-partijiet dwar ir-rilaxx tal-fond ġewwa Ħal Qormi;

Semgħet it-trattazzjoni tal-għeluq tal-avukati tal-partijiet[7];

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-degrieti tagħha li bihom ħalliet il-kawża għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

[2] 55/2009
[3] Paġġ. 16 u 17 tal-proċess
[4] Paġ. 49 tal-proċess
[5] Paġ. 170 tal-proċess
[6] Paġ. 171 tal-proċess
[7] Paġ. 171 tal-proċess

Illi din hija azzjoni maħsuba taħt l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi[8] (minn issa 'l hemm imsejħa "l-Ordinanza" jew "il-Liġi"), li taħt id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 22Ċ(1) tagħha jista' jintalab li ħwejjeġ persuna misjuba ħatja ta' reat kontra l-Ordinanza, ma jibqgħux iżjed hekk milquta bil-konfiska magħmula, jekk din turi li dawk il-ħwejjeġ ma jkunux profitt jew dħul minn għemil ta' reat jew ma jkunux miksuba, direttament jew indirettament, permezz ta' xi qligħ jew dħul bħal dak;

Illi l-attur jgħid li fond ġewwa Ħal Qormi u xi flejjes kontanti li nstabu fl-istess fond inkisbu b'mod leġittimu: għaldaqstant għandhom jiġu meħlusa mill-konfiska. Min-naħa l-oħra, l-imħarrkin jgħidu li jaqa' fuq l-attur li jipprova li tassew tali oġġetti ma nkisbux permezz ta' qligħ jew dħul mit-twettiq ta' reat maħsub fl-Ordinanza jew xi liġi marbuta magħha;

Illi, min-naħa tiegħu, il-Kummissarju mħarrek jilqa' billi jgħid li t-talbiet tal-attur m'għandhomx jintlaqgħu billi mhux mistħoqqa fil-fatt u fid-dritt. Minbarra dan, jaqa' fuqu li juri bi provi tajbin biżżejjed li l-ħwejjeġ li jrid li jinħelsu kisibhom bis-sewwa u li ma kinux il-frott ta' dħulo jew qligħ mill-atti li dwarhom kien instab ħati. F'kull każ, jgħid li dak li wassal lill-attur iressaq it-talba tiegħu ma seħħx bi ħtija tal-eċċipjent u għalhekk ma għandu jerfa' l-ebda spejjeż tal-kawża;

Illi bħala <u>fatti relevanti li joħorġu mill-atti tal-kawża</u> jirriżulta li b'sentenza mogħtija mill-Qorti Kriminali fil-25 ta' Ġunju, 2013[9], fuq ammissjoni tiegħu, l-attur instab ħati ta' reati kontra l-Ordinanza. L-Att tal-Akkuża[10] li dwaru r-rikorrent instab ħati jorbot il-ġrajjiet li dwarhom ġie akkużat għaż-żmien bejn is-sena 1997 u nofs is-sena 1998. L-imsemmija sentenza ordnat, fost oħrajn, il-konfiska ta' flejjes u ġid mobili u immobbli tal-attur. Fost il-ġid maqbud bis-saħħa tal-imsmmeija sentenza hemm il-fond bl-isem "*Val Parisio*", Triq il-Ħabbież, Ħal Qormi, u erbat elef, erba' mija u disgħin ewro (€4,490) fi flus kontanti li nstabu fil-fond dik inhar tat-tfittxija[11]. Il-flus ma nstabux f'post moħbi, lanqas viċin id-droga[12];

Illi waqt li l-attur kien qiegħed jagħmel l-istqarrija mal-Pulizija fid-29 ta' Mejju, 2008, huwa fisser li l-flejjes maqbuda kienu jirrappreżentaw dħul minn ħlas mid-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali (minn issa 'l hemm imsejjaħ "id-

[8] Ord. XXXI tal-1939 kif emendata (Kap 101)
[9] Dok. "BJM2" f'paġġ. 16 sa 25 tal-proċess
[10] Dok. "BJM1" f'paġġ. 7 sa 15 tal-proċess
[11] Ara x-xhieda tal-Ispettur Pierre Grech f'paġ. 84 tal-proċess
[12] *Ibid* paġ. 87 tal-proċess

Dipartiment") fl-ammont ta' sitt mitt ewro (€600), u l-bqija paga fl-ammont ta' elf u ħames minn lira Maltin (Lm1,500)[13];

Illi jirriżulta li fl-1990[14], l-attur flimkien ma' Rosanne Caruana kienu ngħataw sussidju mill-Awtorità tad-Djar sabiex setgħu jixtru l-fond "*Valpariso*" fi Triq il-Ħabbież, Qormi, f'dik l-istess sena u bis-saħħa tal-istess kuntratt. Fl-1993[15], sehem Roasanne Caruana nbiegħ lill-attur u s-self li l-attur kellu fuq il-fond mal-bank tħallas kollu sas-sena 1999[16];

Illi tul is-sena 2008, l-attur ingħata għajnuna għall-qgħad mid-Dipartiment. Jirriżulta li fil-21 ta' Mejju, 2008, issarrfu żewġ *cheques* mill-attur maħruġa mid-Dipartiment fl-ammont ta' ħames mija tmienja u għoxrin ewro, utnejn u erbgħin ċenteżmu (€528.42) u disa' u tmenin ewro u erbgħa u għoxrin ċenteżmu (€89.24)[17] rispettivament;

Illi waqt is-smigħ ta' din il-kawża tat-30 ta' Ġunju, 2015[18], intlaħaq qbil bejn il-partijiet dwar ir-rilaxx tal-fond ġewwa Ħal Qormi;

Illi għal dak li jirrigwarda l-aspetti legali marbutin mal-każ irid jingħad li l-proċedura speċjali maħsuba fl-artikolu taħt eżami hija waħda li tagħmel eċċezzjoni, fis-sens li tapplika meta persuna tkun instabet ħatja ta' reat kontra l-Ordinanza minn Qorti kompetenti, u għalhekk, ladarba tmur kontra x-xejra tad-dispożizzjonijiet ġenerali tal-istess liġi dwar il-konfiska tal-ġid ta' persuna li tikser l-Ordinanza, għandha tingħata tifsira f'termini stretti u mhux usa' minn dak li ried il-leġislatur[19];

Illi ta' min jgħid ukoll li tali proċedura tapplika għal ordni magħmula taħt l-artikolu 22(3A)(d) biss. Din id-dispożizzjoni tal-liġi titkellem dwar konfiska ta' flejjes u ġid, mobbli u kif ukoll immobbli, tal-persuna misjuba ħatja, kemm jekk jinsabu f'Malta kemm jekk barra minn Malta, ukoll jekk sal-waqt tas-sejbien tal-ħtija, tali ġid immobbli jkun għadda f'idejn terza persuna;

Illi din il-proċedura, hija miftuħa kemm għall-persuna misjuba ħatja u kif ukoll għat-terza persuna li f'idejha l-immobbli jkun għadda, u trid tinbeda mhux iżjed tard minn tliet xhur minn meta s-sentenza li tkun ordnat il-konfiska ssir ġudikat[20];

---

[13] Dok. "BJM7" f'paġ. 36 tal-proċess
[14] Dok. "AX" sa "AX2"f'paġġ. 73 sa 81 tal-proċess, u x-xhieda ta' Andrew Xuereb f'paġġ. 99 sa 100 tal-proċess
[15] Dok. "BJM5" 'paġġ. 31 sa 32 tal-proċess
[16] Dok. "US" u "US1" f'paġġ. 65 sa 69 tal-proċess u x-xhieda ta' Vincenza Sciberras f'paġ. 92 tal-proċess. Ara wkoll paġ. 33 tal-proċess
[17] Dok. "IC" sa "IC1(b)" f'paġġ. 70 sa 72 tal-proċess u x-xhieda ta' Ivan Cilia f'paġġ. 94 u 9 tal-proċess
[18] Paġ. 171 tal-proċess
[19] App. Ċiv. **7.8.2013** fil-kawża fl-ismijiet ***Nazzareno Muscat vs Kummissarju tal-Pulizija***
[20] Art. 22Ċ(2) tal-Kap 101

Illi għalkemm il-liġi tgħid li l-konfiska sseħħ favur il-Gvern ta' Malta[21], u skond ma joħroġ mill-artikolu 22(7) tal-istess Ordinanza, l-ordni tal-konfiska għandha s-saħħa ta' sentenza, il-liġi tgħid li l-leġittimu kontradittur fi proċedura bħal din huwa l-Kummissarju tal-Pulizija[22];

Illi jaqa' fuq il-persuna li titlob it-tneħħija tal-ordni tal-konfiska li tressaq il-provi tagħha fi grad tajjeb biżżejjed biex titwemmen li l-ġid li trid li jinħeles mill-konfiska ma kienx miksub minn flejjes jew qligħ marbutin minn profitt jew dħul min għemil ta' reat[23]. Ladarba l-proċediment ġie maħsub mil-leġislatur li jinstama' minn Qorti ta' kompetenza ċivili u ladarba l-liġi nnifisha tgħid li dwar kull proċediment bħal dan japplikaw id-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi tal-Organiżżazzjoni u Proċedura Ċivili[24], huwa naturali għalhekk li wieħed jistenna li l-grad ta' prova mressqa jkun wieħed li joqgħod għall proċedimenti ta' natura ċivili w mhux dak rigoruż tal-proċediment penali;

Illi, madankollu, wieħed irid iżomm quddiem għajnejh ukoll il-qafas legali li fih isir is-sekwestru tal-ġid ta' persuna mixlija jew misjuba ħatja ta' reat taħt l-Ordinanza. Dan jingħad minħabba li l-liġi speċjali nnifisha li taħtha jsir sekwestru bħal dak jidher li toħloq il-preżunzjoni li l-ġid tal-persuna mixlija b'reat kontra dik l-Ordinanza tnissel sewwasew mill-attività kriminali tal-persuna li tkun. Dan jgħodd aktar jekk il-persuna tkun fil-fatt instabet ħatja mill-Qorti kompetenti tar-reat li tkun mixlija bih. Fid-dawl ta' dan il-kuntest, il-Qorti hija tal-fehma li l-piż tal-prova li dak il-ġid inkiseb b'mezzi leġittimi jrid ikun x'aktarx aqwa minn sempliċi dikjarazzjoni vaga li r-rikorrent kellu għejjun jew riżorsi oħra ta' għajxien;

Illi ladarba matul is-smigħ tal-kawża kien hemm qbil bejn il-partijiet għar-rilaxx tal-post, dak li l-Qorti fadlilha tistħarreġ f'dan il-każ huwa biss fil-konfront tal-flejjes maqbuda mill-Pulizija waqt it-tfittxija ta' nhar id-29 ta' Mejju, 2008, fl-ammont ta' erbat elef, erba' mija u disgħin ewro (€4,490) flus kontanti. L-Att tal-Akkuża[25] li dwaru r-rikorrent instab ħati jorbot il-ġrajjiet li dwarhom ġie akkużat għaż-żmien f'Mejju tal-elfejn u tmienja (2008);

Illi mill-provi li joħorġu mill-atti tar-rikors jirriżulta li l-attur ma kellux xogħol fiss, ta' l-anqas mhux għal tul ta' żmien, matul dak iż-żmien. Fil-fatt huwa nnifsu jistqarr li għamel żmien jirreġistra mad-Dipartiment u kien jingħata għajnuna tal-qgħad. Jidher ukoll li kien beda jaħdem bħala sajjied, imma kien jaħdem biss meta sid il-bastiment jibgħat għalih u l-ħlas ma kienx ikun dejjem regolari, għaliex jiddependi fuq kemm kien ikun ħadem[26]. L-attur

[21] Art. 22(3) tal-Kap 101
[22] Art. 22Ċ(5) tal-Kap 101
[23] App. Ċiv. **1.7.2014** fil-kawża fl-ismijiet ***Anthony Seychell vs Kummissarju tal-Pulizija***
[24] Art. 22Ċ(7) tal-Kap 101
[25] Dok. "BJM1" f'paġġ. 7 sa 15 tal-proċess
[26] Ara l-affidavit ta' Doreen Mangion f'paġ. 62 tal-proċess u x-xhieda tal-Ispettur Pierre Grech f'paġ. 84 tal-proċess

jgħid li s-sors tal-flejjes li nstabu fid-dar tiegħu fil-jum tat-tfittxija kien riżultat ta' dħul minn dawn iż-żewġ attivitajiet. L-attur jikkorobora x-xhieda tiegħu billi jipprova li fil-21 ta' Mejju, 2008, issarrfu minnu żewġ ċekkijiet maħruġa mid-Dipartiment fl-ammont ta' ħames mija tmienja u għoxrin ewro u tnejn u erbgħin ċenteżmi (€528.42) u disgħa u tmenin ewro, erbgħa u għoxrin ċenteżmi (€89.24)[27]. Jirriżulta wkoll li l-flejjes meta nstabu fil-fond ta' l-attur ma kienux qrib fejn id-droga li nstabet fl-istess fond[28];

Illi meta l-Qorti tqabbel il-provi li r-rikorrent ressaq quddiemha mal-osservazzjonijiet magħmula minnha aktar qabel dwar dak li trid il-liġi in materja fi proċedura bħal din li għandha quddiemha llum, issib li r-rikorrent seħħlu juri li mhux kulma ġie maqbud fl-okkażjoni tal-eżekuzzjoni tal-proċeduri kriminali fil-konfront tiegħu kien imnissel, direttament jew indirettament, minn qligħ jew dħul mill-għemmejjel li dwarhom eventwalment stqarr ħtijietu u ngħata piena;

Illi filwaqt li l-Qorti tagħti piż għaż-żewġ ċekkijiet li ssarfu ġranet biss qabel is-sejba li b'kollox itellgħu s-somma ta' sitt mija w sbatax-il ewro u sitta u sittin ċenteżmi (€617.66), il-qagħda m'hijiex daqshekk ċara għar-rigward tal-bqija tal-flus. Minbarra li r-rikorrent naqas li juri meta fil-fatt tħallas għax-xogħol tas-sajd, naqas li juri wkoll kemm fil-fatt kien is-sehem tiegħu minn dak l-ammont. Għaldaqstant il-Qorti lesta li tilqa' biss l-ammont pruvat ta' sitt mija w sbatax-il ewro u sitta u sittin ċenteżmi (€617.66) bħala flejjes li ntwera li ma tnisslux minn qligħ jew dħul illeċitu. Il-Qorti ma tistax għalhekk tqis li r-rikorrent wettaq il-piż tiegħu ta' prova suffiċjenti għall-finijiet ta' dawn il-proċeduri fir-rigward tal-bilanċ fl-ammont ta' tlett elef, tmien mija tnejn u sebgħin ewro u erbgħa u tletin ċenteżmi (€3,872.34);

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qegħda tiddeċiedi billi:

**Tilqa' t-talba tar-rikorrent** u, filwaqt li ssib li l-ġid tal-attur hawn imsemmi ma huwiex il-frott ta' qligħ jew dħul minn għemil ta' reat taħt il-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta u dan b'riferenza biss għas-segwenti ġid tiegħu: u jiġifieri, għar-rigward tal-fond bl-isem "*Valpariso*", Triq il-Ħabbież, Ħal Qormi, u għar-rigward l-ammont ta' sitt mija w sbatax-il ewro u sitta u sittin ċenteżmu (€617.66) fir-rigward ta' flejjes kontanti maqbuda;

**Tordna** għalhekk it-tħassir limitatament dwar il-ġid hawn fuq imsemmi tal-ordni ta' konfiska magħmula mill-Qorti Kriminali fis-sentenza tagħha tal-25 ta' Ġunju, 2013, fl-Atti tal-Att tal-Akkuża numru 55/2009 fl-

[27] Dok. "IC" sa "IC1(b)" f'paġġ. 70 sa 72 tal-proċess u x-xhieda ta' Ivan Cilia f'paġġ. 94 u 9 tal-proċess
[28] Ara x-xhieda tal-Ispettur Pierre Grech f'paġġ. 87 u 88 tal-proċess

ismijiet "*Ir-Repubblika ta' Malta vs Brian Joseph Mangion*", u tikkonferma l-istess ordni għall-bqija; u

**Tordna li l-ispejjeż** tal-kawża jibqgħu mingħajr taxxa bejn il-partijiet.

**Moqrija**

**Onor. Joseph R. Micallef, LL.D.,**
**Imħallef**

**12 ta' Marzu, 2020**

**Marisa Bugeja**
**Deputat Reġistratur**

**12 ta' Marzu, 2020**